MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 43

14 ta' Settembru 2015

Minuti tas-seduta Nru. 43 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 2015 fis-7.15pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillieri J. Attard u D. Vella. Is-Sur J. Attard talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet familjari permezz ta' imejl datat 31 ta' Awwissu 2015. Is-Sur D. Vella kien indispost. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ma ġietx trasmessa direttament permezz tal-internet minħabba ħsara teknika.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti mingħajr emendi, u għalhekk ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Andament fl-arranġamenti tal-Festa tal-Vitorja (F/2/Vol VIII)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 7.1. tas-seduta ta' qabel u kkummenta li l-arranġamenti li saru għall-festa tmexxew tajjeb mill-Pulizija, partikularment fis-7 ta' Settembru meta kien hemm il-pontifikal u ż-żjara ta' għadd ta' Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-għeluq tat-toroq tmexxa skont l-iskeda li ġiet mgħoddija mill-Kunsill lill-Pulizija, minkejja li f'ċerti waqtiet sar xi tibdil skont l-esiġenzi li nqalgħu.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-kuntratturi Velljo Services u Euro Clean wieġbu b'mod tajjeb għall-esiġenzi tal-festa f'dak li huwa ġbir tal-iskart u tindif tat-toroq, rispettivament.

2.1.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li jaqbel illi l-Pulizija kkordinaw tajjeb lejliet u nhar il-festa mmexxija mill-Maġġur J. Cauchi u t-tim ta' nies li kien hemm jassistuħ.

2.1.5. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għal inċident li kien hemm fi Triq l-Għollieqa, fejn persuna riekeb fuq mutur daħal fi Triq l-Erwieħ u baqa sejjer sa Triq l-Għollieqa, fejn kien hemm l-post riżervat għall-Kavallieri biex jassistu għall-wirja tal-logħob tan-nar. L-istess sewwieq laqat żewġ persuni li waqgħu ma' l-art. Huwa ppropona li Triq l-Erwieħ, kantuniera ma' Triq il-Marfa għandha tingħalaq.

2.1.6. Is-Segretarju qal li huwa segwa s-servizz tal-*park-and-ride* bejn l-*interchange* tal-karozzi tal-linja għal Triq Qasam Barrani. Is-Sur C. Debono kkummenta li użawħ diversi nies, partikularment passiġġieri li waslu fil-Mellieħa bis-servizz tal-karozzi tal-linja. Forsi l-użu tiegħu kien ikun iktar b'aktar promozzjoni fuq il-*media*. Irrimarka wkoll li minkejja li ntbagħtet ittra lir-residenti fl-inħawi ta' Ġnien Ingraw fejn ġew mgħarfa li d-dħul minn fejn ir-*roundabout* ta' Triq Qasam Barrani / Mitħna l-Ġdida kien ser ikun magħluq, ħlief għar-residenti taż-żona, irriżulta li din tħalliet miftuħa mingħajr il-preżenza ta' Pulizija. Konsegwenza ta' dan ukoll, il-*parking bay* li kellha tkun riżervata għall-*minibus* tal-*park-and-ride*, ġiet okkupata.

2.1.7. Dwar il-Quddiesa Pontifikali, is-Sindku qal kien ta' sodisfazzjoni li Mons. Arċisqof l-E.T. Charles Scicluna ddikkjara l-Parroċċa tal-Mellieħa bħala waħda arċipretali minħabba r-rabta li għandha mas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa, li effettivament huwa l-eqdem post ta' qima Nisranija fil-Gżejjer Maltin. Raġuni oħra hija li l-Mellieħa kienet waħda mill-ewwel għaxar irħula li ġew dikjarati parroċċi fl-1436, u l-unika parroċċa u fil-fatt kienet l-uniku waħda minnhom li ma saritx arċipretali.

2.1.8. Is-Sindku qal li jixtieq jirringrazzja lill-Kunsillier E. Bartolo għas-sehem tiegħu fl-implementazzjoni tal-arranġamenti marbuta mal-festa, filwaqt li ppropona li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lill-Kummissarju tal-Pulizija.

### 2.2.1. Tiswija ta' *Air Conditioner* fis-Sala tal-Kunsill (K/1/2/Vol V)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 16.1. tas-seduta preċedenti u qal li t-tagħrif mitlub nkiseb mingħand il-perit li mexxa x-xogħol tar-rinovar fuq l-estensjoni tal-uffiċċju u rriżulta li t-tagħmir in kwistjoni kellu perjodu ta' sena garanzija, filwaqt li l-fornitur kienet id-ditta KNK ta' Triq San Pawl, Naxxar.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Żjara mill-Banda Imperial f'Aquaviva delle Fonti (K/1/5/1/Vol III)

2.3.2. Is-Sindku għarraf li qed isiru l-aħħar tħejjijiet sabiex il-Banda Imperial tagħti kunċerti f'Aquaviva delle Fonti u lokalitajiet oħra tal-madwar. Huwa fakkar li din kienet frott ta' kuntatti li bdew sena qabel bejn il-Kunsilli Lokali tal-Mellieħa u Aquaviva delle Fonti. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li l-grupp kollu jinkludi 31 bandist flimkien ma' tlettax-il persuna oħra, inkluż hu bħala Sindku. L-akkomodazzjoni u l-biljetti tal-ajru għall-bandisti u sitt persuni oħra se jiġu provduti mill-Kunsill ta' Aquaviva delle Fonti filwaqt li t-titjiriet u t-trasport tal-istrumenti tal-mużika ser jagħmlu tajjeb għalihom l-Għaqda Mużikali Imperial. Minħabba li l-Kunsill kien strumentali sabiex isseħħ din iż-żjara, is-Sindku ppropona li t-trasferiment bejn il-Mellieħa u l-ajruport jipprovdihom il-Kunsill.

2.3.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 10/09/15
- Skeda ta' Pagamenti – 26/08/15 – 09/09/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti ta' laqgħa mad-Deputat Parlamentari l-Onor R. Cutajar – 10/08/15;
- Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2015;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet fi Triq Adenau (T/4/10/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti, kif ukoll għal imejl datat 3 ta' Settembru 2015 mibgħut minn Sunsites Ltd fejn talbu li ssir pjattaforma sabiex fuqha jitpoġġew imwejjed u siġġijiet fit-taraġ ta' Triq Adenau.

4.1.3. Il-Kunsill innota li l-pjanta illi ġiet mgħoddija mill-applikant, kienet l-istess waħda ppreżentata fis-seduta preċedenti. Apparti dan, ġie deċiż li l-opinjoni tal-Kunsill għandha tingħata meta jkunu jistgħu jiġu eżaminati l-pjanti kollha li jeħtieġ jiġu sottomessi lill-MEPA.

### 4.2.1. Attivita` fi Triq l-Għoljiet (A/6/3/1/Vol 82)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 8 ta' Settembru 2015, mibgħut mill-Malta Mini Owners Club li talbu sabiex jtellgħu wirja ta' 25 vettura kollettibbli fi Triq l-Għoljiet, bejn Triq in-Naħal u Triq l-Etna. Bħala dati qed jiġi proposti it-18, il-25 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru 2015.

4.2.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-attivita` *per se`,* iżda kien tal-fehma li għandu jiġi identifikat sit ieħor sabiex ma tingħalaqx Triq l-Għoljiet.

### 4.3.1. *Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3A)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 2 ta' Settembru 2015, mibgħut mill-Fondazzjoni ARKEO, fejn dawn għarrfu lill-Kunsill illi għad m'għandhomx f'idejhom iċ-ċwievet tal-*pillboxes* li huma parti mill-*heritage trail* imsemmi. Irriżulta wkoll li għad hemm xogħlijiet pendenti li jinvolvu l-irżieżet. Din l-informazzjoni ħarġet wara laqgħa li saret mal-membri tal-fondazzjoni s-Sinjuri Ernest Vella u Jeffrey Sammut. Għan-naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fl-istess laqgħa, in-naħa tal-Kunsill ipproponiet li l-ARKEO tikkonċentra fuq it-twettieq tal-għanijiet li għalihom ġew assenjati lilhom il-beni in kwistjoni. Fl-istess laqgħa d-delegazzjoni tal-ARKEO rreferiet ukoll għall-fatt li lanqas tista' tinġieb polza ta' assikurazzjoni fuq l-istess beni, fl-assenza tal-permess li jkopri l-irżieżet bħala ċentru ta' interpretazzjoni.

4.3.3. Is-Sindku qal li huwa kkuntattja lil *Contract Manager* fuq il-proġett, il-Perit J. Attard, illi qallu li ċ-ċwievet tal-*pill boxes* għadhom ma ngħatawx peress li għadu għaddej ix-xogħol fuqhom.

4.3.4. Ġie nnutat ukoll li għad hemm *fittings* nieqsa fit-*toilets* fl-irziezet, liema *fittings* jista' jipprovdi l-Kunsill sabiex l-affarijiet ma jitwalux.

### 4.4.1. Spralli għall-ilma tax-xita fi Triq Ta' Msid (T/4/12)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datat 10 ta' Settembru 2015 mibgħuta mis-Sur Joseph Caruana, fejn saret referenza għal gradi tal-ispralli li nsterqu mit-triq imsemmija. Is-Sur Caruana kien fetaħ l-istess spralli sabiex jaqbad l-ilma tax-xita bil-għan li jaħżnu għat-tisqija tar-raba. Huwa appella sabiex il-Kunsill jipprovdilu l-materjal sabiex ikun jista' jagħmel il-gradi huwa stess.

4.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-talba m'għandiex tiġi milqugħa peress li l-ispralli in kwistjoni ma sarux mill-Kunsill, jew minn xi entita` governattiva oħra, u għalhekk ma kien hemm ebda awtorizzazzjoni biex dawn isiru.

### 4.5.1. Parkeġġ quddiem l-Iskola Primarja (T/3/2/Vol XII)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 10 ta' Settembru 2015 mibgħut mill-Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa, fejn ġie propost li jiġi pprojbit l-ipparkjar quddiem Ġnejnet il-Kunsill, bejn is-7.45am u 8.45am, u bejn is-1.45pm u 2.45pm.

4.5.3. Il-Kunsill qabel li għandu jirrakkomanda lill-Transport Malta, l-arranġamenti segwenti:

- il-vetturi li jkunu fil-parkeġġ jeħtieġ li jibgħu pparkjati f'posthom;
- jiġi pprojbit id-dħul ta' vetturi fil-parkeġġ waqt il-ħinijiet indikati;
- vetturi jkunu jistgħu joħorġu mill-parkeġġ anke waqt il-ħinijiet indikat;
- it-trasport tat-tfal jibqa' juza l-karreġġjata s-safra fi Triq Qasam Barrani; u
- jitwaħħlu tabelli tan-"*No Entry*" bil-ħinijiet fid-daħla tal-parkeġġ, kantuniera ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida.

4.5.4. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Kap tal-Iskola għandha tindika l-ħinijiet li japplikaw għas-sena skolastika kollha.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 10 ta' Settembru 2015.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

**6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal**

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-26 ta' Awwissu u d-9 ta' Settembru 2015

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda u għaldaqstant kien hemm qbil li din għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti (Nru. 2/2015), skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (A.L. 255 tal-2009), u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 177 tal-2005), sabiex jiġi fornut tagħmir relatat ma' dwal ornamentali f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa;***

***Billi saret evalwazzjoni mill-Kunsill mgħejjuna minn rapport tekniku minn Galea Curmi Engineering Consultants fis-seduta Nru. 42 tat-28 ta' Awwiss 2105; u***

***Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2015 ġew allokati fondi biżżejjed fil-vot 7507 sabiex ikopru l-provista u l-installazzjoni tat-tagħmir in kwistjoni;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt ma' Mica Med Ltd sabiex jiġi fornut u nstallat it-tagħmir skont l-ispeċifikazzjonijiet u r-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (P/4/3/Vol IV)***

7.2. Fid-dawl tal-evalwazzjoni li saret fis-seduta ta' qabel, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti, wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

**8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti (3/2015) sabiex jingħata servizz ta' Accountant, skont l-Artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993;***

***Billi fis-Seduta 42 tat-28 ta' Awwissu 2015 saret evalwazzjoni tal-erba' offerti li ġew sottomessi, skont skeda mehmuża mal-minuti tal-istess seduta;***

***Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2015 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata s-servizz imsemmi taħt il-vot 3160;***

***Il-Kunsill jirriżolvi illi għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u susseġwentement jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv mas-Sur Daniel Galea, għall-perjodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta' Settembru 2015, skont ir-rata kkwotata minnu fid-dokument tal-offerta.". (C/3/3)***

8.2. Fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

**9.1. Impieg ta' uffiċjal fi Skala 15 (P/7/1/Vol X)**

9.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta Nru. 41 u għarraf li l-Korporazzjoni għall-Impjiegi u Taħriġ intalbet tgħaddi lista ta' persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol fl-Ewwel Parti tar-Reġistru sabiex jiġu ntervistati. Ġiet mgħoddija lista ta' 99 persuna eliġibbli skont il-kwalifiki ndikati fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani). Għoxrin minnhom bagħtu l-*curriculum vita* tagħhom u għalhekk għandhom jiġu ntervistati.

9.3. Il-Kunsill qabel li l-intervisti għandhom jsiru fit-22 u t-23 ta' Settembru 2015 mill-4.00pm 'il quddiem u għaldaqstant inħatar Bord ta' Intervista kompost kif ġej:

- John Buttigieg – Sindku
- Clayton Bartolo – Viċi Sindku
- Emvin Bartolo – Kunsillier
- Annabelle Brincat Stellini – Kunsilliera
- Carmel Debono – Segretarju Eżekuttiv

**10.1. Konsultazzjoni dwar linji gwida rigward stabbilimenti tal-ikel fi spazji pubbliċi (P/5/4/Vol II)**

10.2. Is-Segretarju spjega li l-abbozz tal-*policy* msemmija tfasslet bejn il-MEPA, Transport Malta, l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u d-Dipartiment tal-Artijiet, bis-sehem tal-Malta Hotel and Restaurants Association. Is-Sur C. Debono spjega li sakemm jiġu approvati l-Pjannijiet Lokali, it-tħaddim ta' din il-*policy* se jkun limitat għall-*Primary* u *Secondary Town Centre*, *Local Centres*, *Tourism u Entertainment Priority Areas*.

10.3. Ġie spjegat li l-*policy* proposta teskludi t-tqegħid ta' għamara qrib kjoskijiet u għalhekk qed tgħid li ser tipprojbixxi permessi f'dan ir-rigward.

10.4. Għal-ewwel darba se jkun hemm *one-stop-shop*, fejn wieħed japplika mal-MEPA u mhux ikollu jirrikorri għand erba' entitajiet differenti – id-Dipartiment tal-Artijiet, l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, Transport Malta u l-Kunsill Lokali.

10.5. Ġie spjegat li attwalment, l-applikanti jintalbu jottjenu *clearance* mingħand il-Kunsill, iżda bil-proċedura l-ġdida jidher li ser issir applikazzjoni waħda mal-MEPA, fejn ma joħroġx ċar jekk il-Kunsill huwiex ser jibqa' meqjuż bħala "*permitting authority*"*.* F'każ li le, ikun ifisser li l-Kunsill ser jitpoġġa fuq l-istess livell taċ-ċittadin komuni biex iressaq l-opinjoni tiegħu.

10.6. Is-Segretarju aċċenna wkoll għall-punti segwenti:

- Definizzjoni (PP 11) – Id-definizzjoni ta' "*permitting authorities*" għandha tinkludu l-Kunsilli Lokali.
- *Policy* 2.4. (PP 14) – Għandu jiġi speċifikat li l-Kunsilli Lokali għandhom ikunu fost l-i*stakeholders*.
- *Policy* 3.1. (PP 15) – Il-Kunsilli għandhom ikunu nklużi fil-*flow chart*, flimkien mal- MEPA, TM, GPD, id-Dipartiment tas-Saħħa, u l-Kummissjoni Nazzjoni Persuni b'Diżabilita`.
- *Policy* 4.1.3. P3 (PP 19) – *Bullet* 3 għandiex tinkludi "*platforms*" ukoll.
- *Policy* 4.1.3. P8 (PP 23) – Din titkellem dwar mezz kif għandu jiġi kkontrollat id-daqs tal-post fejn jintalab li titpoġġa għamara biswit parkeġġi pubbliċi. Il-*policy* qed tgħid li l-estensjoni għall-"*parking space **shall** consist of an easily removable, reversible/demountable timber platform*". Il-kelma "*shall*" għandha tiġi mibdula mal-kelma *"may".*
- *Policy* 4.1.3. P10 (PP 26) – *Demarcation* f'postijiet miftuħa bħalma huma pjazzez, mhux neċessarjament issir permezz ta' pjattaforma. Faċilment tista' issir permezz ta' sinjali permanenti mal-art, eż. s*teel markers* li qed issir referenza għalihom fil-*Policy* P13 (PP 29). Pjattaformi għandhom jiġu kkunsidrati biss fejn ikun hemm diżlivell fil-wiċċ tat-triq jew turġien.
- *Policy* 4.2.10 P16 (PP 34) – Minkejja li *platform* tkun magħmula mill-injam jista' xorta waħda jkun diffiċli li din tiżżarma kull darba li jagħlaq l-istabbiliment bir-riżultat li jitħallew fuq il-post. Dan jista' jikkawża periklu għat-traffiku li jkun għaddej, partikularment meta pjazza, jew triq ikunu battala.
- *Policy* 4.3.3. P20 (PP 39) – Filwaqt li l-*policy* qed tispeċifika okkażjonijiet bħalma huma: avvenimenti pubbliċi; xogħlijiet ta' manutenzjoni; u f'każi ta' emerġenza, meta jista' jintalab iż-żarmar tal-*platforms,* minn naħa l-oħra qed tħalli barra l-fattur tal-viżibilita` bil-lejl, meta l-post ikun battal u jibqa' biss il-platform tesporġi 'il barra fit-triq, jew pjazza.

- *Policy* 5.2.1. P22 (PP 42) – Filwaqt li din il-*policy* qed tgħid li "*anchoring of shading structures/equipment to pedestrian public footpaths or other surfaces may be permitted at the discretion of the permitting authorities*", ma tgħid xejn jekk il-Kunsill huwiex inkluz mal-awtoritajiet kompetenti f'dan ir-rigward.

- *Policy* 5.2.2. PG9 (PP 44) – Qed tirreferi għall-umbrellel u tgħid li "*permitting authorities have a right to request for an anchoring system to be installed*". Għandu jiġi speċifikat li l-Kunsill Lokali huwa nkluż mal-"*permitting authorities*".

10.7. Il-Kunsill qabel li d-diskussjoni fuq dan is-suġġett għandha titkompla fis-seduta li jmiss.

## 11.1. Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2015 (F/1/1/Vol II)

11.2. Is-Segretarju aċċenna għar-rapport li tqassam qabel is-seduta. Huwa spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn April u Ġunju 2015 kien aktar mill-estimi b'€38,935. Fil-każ tal-infieq, dan kien iżjed mill-estimi b'€67,580. Kompla jgħid li meta jittieħed id-dħul kontra l-infieq, kif ukoll il-fondi diġa kommessi bejn April u Ġunju, kien jifdal bilanċ pożittiv ta' €31,525. Meta jitqabblu l-istess fatturi fuq l-ewwel sitt xhur tas-sena finanzjarja, jirriżulta bilanċ pożittiv ta' €216,976.

11.3. Is-Sur C. Debono kompla jispjega li dan il-bilanċ mistenni li jonqos aktar tard fis-sena, il-Kunsill irid jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li gradwalment qed isiru b'rabta mar-*resurfacing* ta' Triq Ramlet il-Qortin u t-toroq li għad iridu jsiru fiż-żona Tas-Sellum wara Settembru 2015. Huwa fakkar li l-proġett ta' Triq Ramlet il-Qortin huwa stmat li jlaħħaq spiża ta' €280,000 flimkien ma spejjeż oħra marbuta ma' xogħlijiet anċillari bħalma huma t-tiġdid tas-servizzi, Gwardjani Lokali eċċ. Sar aċċenn li huwa ppjanat li wara x-xhur tas-sajf mistenni li jinbeda x-xogħol fuq il-proġett ta' dwal tat-toroq fin-naħa t'isfel ta' Santa Marija Estate. Is-Sur C. Debono spjega li huwa mportanti li jiġu osservati t-*time frames* stabbiliti sabiex il-Kunsill ma jkollux jaffaċċja problema ta' *cash flow,* li finalment taffettwa r-relazzjonijiet tiegħu mal-fornituri u r-residenti.

11.4. Sar aċċenn għall-proġett PIM EnergEthica li permezz tiegħu fl-2013 il-Kunsill irċieva somma ta' €89,250. Minħabba li dan il-proġett twaqqaf, il-Kunsill ser jintalab iħallas lura s-somma ta' €62,742

11.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo talab li jingħata rendikont tal-ispejjeż kommessi u l-programmazzjoni dwar kif ser isiru l-pagamenti.

11.6. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar ir-rendikont finanzjarju, il-Kunsill iddeċieda li r-rendikont għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt, kif ukoll mgħoddi lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika..

## 12.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)

12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta 40 tat-22 ta' Lulju 2015 dwar l-introduzzjoni ta' servizz ta' tiswija (*neutering)* tal-qtates mitluqa fit-toroq. Kompliet tgħid li l-Kunsill Lokali ta' Marsascala daħal għal servizz simili u għalhekk ikun interessanti jsir magħruf kif dan il-Kunsill tratta din l-inizjattiva.

12.3. Is-Segretarju ġie nkarigat sabiex jagħmel il-kuntatti meħtieġa.

## 13.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)

13.2. Il-Kunsillier H. Fenech qal li nbdew il-kuntatti sabiex jerġa jiġi organizzat it-*Tournament* tas-*Snooker* 2015/16. Għaldaqstant ser issir laqgħa għad-diriġenti tat-timijiet li normalment jieħdu sehem.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Inizjattiva "*Summer on the Move*" (S/4/1/5)

14.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini aċċennat li l-inizjattiva "*Summer on the Move*" li seħħet fil-Park tal-Familja, ġiet fi tmiemha fil-11 ta' Settembru 2015. Hija qalet li Sports Malta (ex-Kunsill Malti għall-Isports) qed jippjanaw li jkomplu bi SkolaSports matul ix-xhur tax-xitwa

s-Sibtijiet filgħodu, b'dixxiplini bħalma huma FUNathletics, basketball, weightlifting, baseball (teeball), u l-atletika.

14.3. Filwaqt li Kunsill approva l-użu tal-faċilitajiet tiegħu għall-għan imsemmi, kien tal-fehma li dawn jeħtieġ li jseħħu fil-preżenza tal-kustodju tal-park.

### 15.1. Kors – Għaqal fid-Dar, Ħajja Aħjar (E/3/2/Vol II)

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta 35 tat-13 ta' April 2015 u qalet li tkomplew il-kuntatti mal-*Home Economics in Action* sabiex jiġu organizzat il-kors msemmi fis-Sala tal-Kunsill, kull nhar ta' Ġimgħa, bejn l-4.00pm u s-6.00pm. Ġie spjegat li dan il-kors jingħata minn għalliema tal-*home economics*, membri tal-(HEiaA) u esperti oħra bl-appoġġ tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta` Soċjali.

15.3. Il-Kunsill approva l-arranġamenti msemmija.

### 16.1. PA 3283/15 – Spussjar ta' kjosk fl-Armier (P/5/8/A)

16.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija li ġiet sottomessa lill-MEPA mis-sid ta' kjosk bl-imwejjed u siġġijiet li attwalment jinsab biswit *boathouse* fil-parkeġġ tal-Bajja tal-Armier. Ġie spjegat li t-talba tinvolvi trasferiment tal-istess kjosk sabiex jiġi aktar qrib ir-rampa u t-taraġ li jagħti għar-ramla.

16.3. Wara li l-Kunsill ra l-pjanti sottomessi, kien tal-fehma l-kjosk u bl-attivita` li tiġi ġġenerata bit-tqegħed ta' imwejjed u siġġijiet jiġi mxekkel l-aċċess għall-iskall.

16.4. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li r-restrizzjoni tal-50 metru distanza bejn il-kjosk propost u l-eqreb stabbiliment kummerċjali ma tapplikax sakemm il-kjosk tal-applikant huwa liċenzat bħala wieħed fiss, skont kif stipulat fil-*proviso* mar-Regolamenti 30(2)(ċ) fir-Regolamenti dwar Liċenzji tal-Kummerċ (L.S. 441.07).

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tnejn, 5 ta' Ottubru 2015 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**